# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 18 ta' Gunju 2001**

**Avviz. numru 253/01**

**Numru 32**

**Nica Ltd**

**vs**

**Emanuel sive Leli Spiteri**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' seba' mija u ghaxar Liri Maltin u tnejn u disghin centezmu (Lm710.92c) rapprezentanti bilanc ta' prezz minn somma ta' ammont akbar in konnessjoni ma' ammont ta' Diesel, Petrol u zjut tal-vetturi u servizzi ohra konnessi u ancillari ma' l-istess li gew debitament pprovduti u suppliti lill-konvenut mis-socjeta attrici fuq inkarigu tal-konvenut stess.

Bl-ispejjes inkluzi tal-ittra legali tal-20 ta' Frar 2001 u tal-avviz u bl-imghaxijiet legali bir-rata kummercjali ta' tmienja fil-mija (8%) sal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fl-4 ta' Gunju 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm710.92,0 bl-imghax legali mit-30 ta' Marzu 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra legali tal-20 ta' Frar 2001.

J Borg
Dep.Reg